DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182064** **27.09.2018**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA, MILL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

***'Għid tiegħek dwar l-Ewropa' - konsultazzjoni dwar il-futur tal-biedja f'Għawdex***

Il-MEUSAC u l-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza organizzaw laqgħa oħra mis-serje 'Għid tiegħek dwar l-Ewropa', din id-darba f'Għawdex għall-bdiewa, għar-raħħala u għall-produtturi Għawdxin. Dawk li attendew kellhom l-opportunità jgħidu tagħhom dwar il-futur tal-biedja f'Għawdex u dwar l-isfidi u l-opportunitajiet għas-settur agrikolu f'Għawdex fil-kuntest tal-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dwar kif jistgħu jitjiebu r-riżorsi fis-settur.

Il-Kap ta'MEUSAC Vanni Xuereb fisser li dawn il-konsultazzjonijiet huma intiżi biex jagħtu vuċi lil setturi varji tas-soċjetà u jilħqu firxa wiesgħa ta' nies. Spjega li l-fehmiet ta' dawk preżenti se jkunu inklużi f'rapport li se jitressaq lill-kapijiet ta' stat u gvern tal-istati membri tal-UE flimkien ma' dak tal-pajjiżi membri l-oħrajn qabel ma jieħdu deċiżjonijiet importanti dwar il-futur tal-Unjoni. L-iskop tal-laqgħat mhux difiża tal-Unjoni Ewropea imma li jservu ta' widen għall-Unjoni Ewropea, bil-kritika, biex fejn ikun hemm bżonn tittieħed azzjoni, qal is-Sur Xuereb.

Dawk li attendew tkellmu dwar l-isfidi komuni li jiffaċċjaw il-bdiewa. Fost il-punti li tqajmu ssemmew li ħafna drabi l-Kummissjoni Ewropea tapplika l-prinċipju ta' *one-size-fits-all* fil-politika tagħha fl-agrikoltura u dan ma jgħinx lis-settur fil-gżejjer Maltin speċjalment f'Għawdex li tbati minn sfida ta' insularità doppja; iż-żieda fil-kontrolli mill-Unjoni Ewropea fis-settur fosthom dak tal-bexx għall-prodotti lokali biss u li l-bdiewa f'pajjiżna jiġu trattati bħal dawk ta' pajjiżi kbar; in-nuqqas ta' sostenibbiltà u l-ispejjeż dejjem jogħlew għall-bdiewa f'pajjiżna; in-nuqqas ta' futur għall-bdiewa żgħażagħ u l-isfidi kbar ta' kompetizzjoni minn prodotti li jiġu minn barra l-Unjoni li mhumiex ta' kwalità; il-proċess diffiċli u burokratiku ta' applikazzjoni għall-fondi Ewropej li jaqta' qalb il-bidwi; il-bżonn li jsiru iktar studji biex jitkabbru prodotti li ma jkollhomx daqshekk kompetizzjoni minn barra waqt li l-esportazzjoni hi tajba, il-prodott lokali mhux qed jiġi promoss biżżejjed fis-suq lokali; skemi li jservu ta' inċentiv biex il-bdiewa jkollhom iktar raba' x'jaħdmu; għajnuna li tagħti opportunitajiet ta' esportazzjoni ta' prodotti partikolari bħall-ħwawar; il-bżonn li l-Ewropa tikkontrolla l-kwalità ta' prodotti li jidħlu minn pajjiżi terzi; il-bżonn li l-bdiewa stess isibu modi ta' kif jingħaqdu iktar u jimmodernizzaw il-metodi ta' kif jaħdmu bħall-ippakkeġġjar tal-prodotti.

Uffiċjali tal-gvern preżenti għal-laqgħa rrikonoxxew l-isfidi li ssemmew u qalu li waqt li l-kontrolli jistgħu jxekklu lill-bidwi fil-ħidma tiegħu, jgħinu biex il-prodott ikun aħjar.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Issuġġerew li l-bdiewa għandhom ifittxu modi kif jaħdmu aktar flimkien u jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom għall-ġid tas-settur. Qalu wkoll li l-bdiewa għandhom jużaw iktar is-servizzi tal-*extension services* li jgħinuhom jiżviluppaw u jimmodernizzaw.

Is-Segretarju Parlamentari Camilleri qal li meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea nfetaħ is-suq ħieles li ma jillimitax il-prodotti li jidħlu u joħorġu mill-pajjiż. Illum il-pajjiż għandu politika nazzjonali għall-agrikoltura li tħejjiet bis-sehem tas-settur stess u li tindirizza ħafna mill-problemi li ssemmew fil-laqgħa. Wieħed mill-għanijiet ta' din il-politika hu li jogħla l-livell tal-ippakkeġġjar, tal-gradazzjoni u tat-traċċabilità tal-prodotti Maltin u Għawdxin. Is-Segretarju Parlamentari rrefera għall-isforzi li qed isiru fuq livell Ewropew biex jitqiesu d-diffikultajiet li ġejjin miċ-ċokon tas-settur agrikolu f'pajjiżna, titnaqqas il-burokrazija u jeħfief il-proċess tal-applikazzjoni għall-iskemi u għall-fondi Ewropej għas-settur.

Il-Ministru Justyne Caruana ħabbret li Għawdex se jkollu direttorat rurali ffukat proprju fuq Għawdex biex jindirizza l-frammentazzjoni u jissaħħaħ is-settur agrikolu billi l-bdiewa u r-raħħala jkollhom assistenza aħjar fl-applikazzjoni għall-fondi Ewropej. Ħeġġet lil dawk preżenti biex ma jaqtgħux qalbhom u qalet li filwaqt li kulħadd jammetti l-vulnerabilità tas-settur agrikolu, l-UE għandha tinvolvi aktar lil dawk li jaħdmu fis-settur fid-deċiżjonijiet li tieħu u tagħtihom il-futur li jixraqilhom. Spjegat li l-iskop tal-Politika Agrikola Komuni hu li bdiewa f'pajjiżi differenti jkollhom l-opportunità li jiġu trattati b'mod ekwu. Fin-nuqqas ta' dan, l-Ewropa trid tara x'inhu sejjer ħażin u tirranġa fejn hemm bżonn.

Il-laqgħa saret fl-isfont ta' eżerċizzju msejjaħ 'Konsultazzjonijiet maċ-Ċittadini' mifrux ma' 27 stat membru tal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-pubbliku u r-rappreżentanti minn diversi setturi tas-soċjetà qed jintalbu jesprimu l-ideat, it-tamiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom dwar il-futur tal-Ewropa. Sal-lum saru laqgħat mal-bdiewa u mar-raħħala f'Malta u f'Għawdex rispettivament, ma' dawk fl-industrija, ma' rappreżentanti tal-ħaddiema u ma' min iħaddem u dawk fis-settur edukattiv. Laqgħat oħrajn se jindirizzaw l-immigrazzjoni u l-futur soċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-laqgħa ta' konsultazzjonijiet li jmiss mis-serje 'Għid tiegħek dwar l-Ewropa' se tkun dwar il-futur tal-immigrazzjoni nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru f'Dar l-Emigrant, il-Belt Valletta, fis-6pm.